MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 265/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fil-5 ta’ Mejju 1984 l-esponent izzewweg lill-intimata A B (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. ‘A’ u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda – D illi llum hija maggorenni;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali in

atti Nutar Dottor Sandra Valentino datat 5 ta' Gunju, 2001 (Dok. 'B');

3. Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi jew kwistjonijiet bejn il-partijiet ta' kwalsiasi natura;

4. Illi l-esponenti iddiskuta mal-avukat tieghu Dr Chris Cilia LL.D. il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u inghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (vide dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dok 'C') u kkonkluda li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni;

5. Illi issa ghaddew ben oltre 4 snin mid-data tas-separazzjoni u m'hemm assolutament ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet;

Talab l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara illi iz-zwieg tieghu mal-intimata A B hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta Mejju 2013;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati

mill-5 ta’ Gunju, 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------